42001D0629(01)



# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT TAR-RAPPREŻENTANTI PERMANENTI tat-13 ta' Ġunju 2001 li jistabbilixxi Grupp ta' Ħidma ta' livell għoli

(2001/C 183/01)

IL-KUMITAT TAR-RAPPREŻENTANTI PERMANENTI,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u b'mod partikolari, l-Artikolu 207(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regoli tal-proċedura tal-Kunsill u b'mod partikolari l-Artikolu 19(3) tagħhom,

Billi:

(1) Il-Kunsill qabel fil-5 ta' Ġunju 2001 li grupp ta' ħidma ta' livell għoli għandu jiġi stabbilit sabiex jassigura il-kordinazzjoni tax-xogħol u biex jikseb progress parallel fuq il-pakkett tat-taxxa.

(2) Il-Kunsill jista' jafda kompiti oħrajn fil-qasam tat-taxxa lil dak il-grupp ta' ħidma,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Grupp ta' ħidma ta' livell għoli, iżjed 'il quddiem msejjaħ il-"grupp ta' ħidma", hu hawnhekk stabbilit biex jassigura l-kordinazzjoni tax-xogħol u biex jikseb progress parallel fuq il-pakkett tat-taxxa.

*Artikolu 2*

Il-grupp ta' ħidma għandu jkun magħmul minn rappreżentanti ta' livell għoli nominati mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha tinnomina rappreżentant ta' livell għoli biex jieħu sehem fil-proċedimenti tal-grupp ta' ħidma. Hu għandu jkun ippresedut minn rappreżentant ta' l-Istat Membru li jkollu l-Presidenza tal-Kunsill.

*Artikolu 3*

L-irrapportar lill-Kunsill għandu jsir b'rispett sħiħ lill-Artikolu 207 tat-Trattat tal-KE.

*Artikolu 4*

Meta jittrattaw kwistjonijiet ta' relevanza għall-iżviluppi ekonomiċi u għall-politika ekonomika globali, ir-rapporti tal-grupp ta' ħidma għandhom, mingħajr preġudizzju għall-irwol tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, jintbagħtu wkoll lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju u/jew lill-Kumitat tal-Politika Ekonomika bi skop għall-opinjoni possibbli.

*Artikolu 5*

Il-futur tal-grupp ta' ħidma jiġi eżaminat ladarba jintlaħaq ftehim finali fuq il-pakkett tat-taxxa.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Hi għandha tkun ippubblikata fil-Ġurnal *Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fit-13 ta' Ġunju 2001.

*Għall-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti*

*Il-President*

G. LUND